**QORTI TAL-MAGISTRATI ( MALTA )**

BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT:

DR JOSEPH CASSAR BA.,LL.D.

**Il-Pulizija**

(Spettur Sandro Zarb)

**vs**

**Abderrazak Ben Ammar Ben Marzouk**

**Abdel Kader Bejaoui**

**Zaouhair Al Hamdou**

Illum 1 ta` Lulju 2002.

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputati:

1. ***Abderrazak Ben Ammar Ben Marzouk***, ta` 35 sena, ta` nazzjonalita` Tunezina, bin Ammar u Shadhia imwieled Tunis fil-5 ta` Frar 1967 u ghandu passaport bin-numru L 0995757;

2. ***Abdel Kader Bejaoui*** ta` 27 sena, ta` nazzjonalita` Tunezina bin Hassan u Duqa imwieled Tunis fid-29 ta` Mejju 1975;

3. ***Zouhir Al Mandou*** ta` 36 ta` nazzjonalita` Sirjana bin Khalil u Mariam imwiledl Aleppo fl-1 ta` Nobembru 1965;

Talli matul dawn l-ahhar xhur u gimghat rispettivament, minghajr ma nghataw permess ta` residenza, nizlju l-art jew kienu Malta minghajr permess minghand l-Ufficcjal Prtincipali tal-Immigrazjoni..

Rat li fis-seduta tal-lum l-akkuzati ammettew l-akkuzi migjuba kontrihom;

Issibhom hatja.

Rat il-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta` Malta, kif ukoll l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Tiddeciedi li tapplika l-imsemmi Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 stante l-kondotta nadifa ta` l-akkuzati.

Tikkundanna lil kull wiehed mill-akkuzati **sitt (6) xhur habs liema sentenza m`ghandiex tidhol fis-sehh hlief**

**jekk l-akkuzati jikkommettu reat iehor fi zmien sentejn mill-lum.**

Il-Qorti qed tispjega lill-hatja bi kliem car ir-responsabbilita` taghhom taht l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 14 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta` Malta, tilqaghha, **tiddikjara lil hatja immigranti ipprojbiti u tordna kontrihom il-hrug ta` Ordni ta` Tnehhija..**

Vera kopja | Dr Joseph Cassar

MAGISTRAT

L Spiteri Bailey

Dep Reg.